



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0285 (NLE)

15135/1/23
REV 1

RECH 489
EDUC 418
COMPET 1082
IND 590
MI 944
EMPL 526

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni
u intraprenditorjali fl-Ewropa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 182(5) u l-Artikolu 292, l-ewwel u t-tieni sentenza, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE¹ qdiet rwol importanti fl-appoġġ lir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni. Il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi ("Karta u Kodiċi għar-Riċerkaturi") saru punti ta' referenza għar-riċerkaturi u għall-impjegaturi jew il-finanzjaturi tar-riċerkaturi, filwaqt li qed jikkontribwixxu għat-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u qed jappoġġaw l-iżvilupp ta' suq tax-xogħol tal-Unjoni aktar attraenti, miftuħ u sostenibbli għar-riċerkaturi. Proċedura Ewropea li tiċċertifika l-impenn u l-progress ta' istituzzjoni fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi, l-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R), ilha fis-seħħ mill-2008.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/251/KE tal-11 ta' Marzu 2005 dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u dwar Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi (ĠU L 75, 22.3.2005, p. 67).

- (2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza", adottata fl-1 ta' Lulju 2020¹, tissottolinja li r-riċerkaturi jinsabu fuq quddiem nett fix-xjenza u l-innovazzjoni, u li jeħtieġu settijiet speċifiċi ta' ħiliet biex ikollhom karrieri ta' suċċess fid-dinja akkademika u lil hinn minnha. Din tipprevedi d-definizzjoni ta' tassonomija tal-ħiliet għar-riċerkaturi biex jitħalla, fost l-oħrajn, li jsir il-monitoraġġ statistiku taċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ, l-iżvilupp tal-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi għar-Riċerkaturi, u l-appoġġ biex ir-riċerkaturi jiksibu l-ħiliet meħtieġa għall-mobbiltà intersettorjali. L-ewwel azzjoni ewlenija tal-Aġenda għall-Ħiliet, il-Patt tal-Unjoni għall-Ħiliet, tappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet b'kollaborazzjoni bejn l-industrija, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi fi sħubijiet għall-ħiliet fuq skala kbira.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final.

- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni", adottata fit-30 ta' Settembru 2020¹, tagħraf li fit-tellieqa dinjija għat-talenti hemm bżonn jinħolqu kundizzjonijiet tal-iżvilupp tal-karriera li jattiraw u jżommu l-aqwa riċerkaturi fl-Unjoni, u li l-impjiegi prekarji, b'mod partikolari għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera, ma ġewx indirizzati b'mod adegwat matul dawn l-aħħar snin. Tenfasizza wkoll in-nuqqas ta' allinjament frekwenti bejn il-ħiliet tar-riċerkaturi u l-ħtiġijiet tas-soċjetà u tal-ekonomija, u l-importanza li r-riċerkaturi jitħarrġu u jiġu inċentivati biex isegwu karriera barra mid-dinja akkademika, bl-involvement tal-industrija. Dik il-Komunikazzjoni tindika li biex jissaħħu l-karrieri fir-riċerka fl-Ewropa, hemm bżonn ta' sett ta' miżuri mmirati għar-rikonoxximent tal-ħiliet tar-riċerkaturi, l-iżvilupp tal-qafas ta' kompetenza għar-riċerkaturi, it-titjib tal-mobbiltà u l-mekkaniżmi ta' skambju bejn id-dinja akkademika u l-industrija, opportunitajiet ta' taħriġ immirat, u portal uniku ta' servizz li r-riċerkaturi kollha mis-settur pubbliku u dak privat jistgħu jaċċessaw għal firxa wiesgħa ta' servizzi ta' appoġġ. Dik il-Komunikazzjoni tippredvi wkoll it-titjib tas-sistema ta' valutazzjoni tar-riċerka biex tirrikonoxxi b'mod korrett u xieraq id-diversità tal-perkorsi u l-attivitajiet tal-karriera li jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tas-soċjetà.
- (4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka l-Ġdida" tal-1 ta' Diċembru 2020 jisħqu li bħala elementi vitali taż- ŻER il-ġdida, li jikkontribwixxu biex jattiraw u jżommu riċerkaturi eċċellenti, jeħtieġ jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sikuri, u tiżdied l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, filwaqt li titqies ix-xjenza miftuħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħiliet diġitali, il-valutazzjoni tar-riċerka, id-diversifikazzjoni tal-karrieri fir-riċerka u perkorsi ta' diversi karrieri.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Tar-Reġjuni – ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2020) 628 final.

- (5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà" tat-28 ta' Mejju 2021, jagħrfu li r-riċerkaturi jinsabu fil-qalba tas-sistemi tal-Unjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, u li hija meħtieġa azzjoni aktar koordinata fil-livell tal-Unjoni biex jingħelbu l-isfidi eżistenti li jiffaċċjaw ir-riċerkaturi fil-bini ta' karrieri ta' riċerka interoperabbli u sostenibbli – li jippermettu perkorsi ta' karriera diversifikati u multipli – biex tiġi stimulata ċirkolazzjoni bbilanċjata tat-talenti, u biex l-Unjoni ssir destinazzjoni attraenti għar-riċerkaturi. Dawk il-konklużjonijiet jissuġġerixxu li ssir analiżi dwar l-evoluzzjoni possibbli tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi lejn qafas uniku u komprensiv, li jindirizza l-isfidi kollha relatati mal-karrieri fir-riċerka lil hinn mill-valuri u l-prinċipji u jiffoka fuq id-dominji kollha possibbli tal-impjiegi fir-riċerka, u jitlob li l-Kummissjoni tagħmel proposta fl-2022. Fost l-elementi ssuġġeriti li għandhom jiddaħħlu f'dik il-proposta hemm ir-reklutaġġ, l-inċentivi għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, id-diversifikazzjoni u l-progressjoni tal-karriera, l-interoperabbiltà mas-setturi kollha tas-soċjetà inkluż l-industrija, il-valutazzjoni tar-riċerkaturi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u governanza u servizzi mtejbja tal-EURAXESS u ta' strumenti oħra bħall-Europass.

- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 dwar "Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa"¹ tinkludi l-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, flimkien mal-valutazzjoni tar-riċerka, tar-riċerkaturi u tal-istituzzjonijiet, bħala oqsma importanti ta' azzjoni fil-kuntest tal-oqsma prijoritarji għal azzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri b'appoġġ għaż-ŻER, u tispeċifika sett komuni ta' prinċipji u valuri li jirfdu r-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni. Din tenfasizza wkoll il-bżonn li tingħata aktar attenzjoni lill-karrieri tar-riċerkaturi fl-istadju bikri u tan-nofs, inkluż l-ostakli speċifiċi li jsibu n-nisa f'dawk l-istadji.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa (ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1).

- (7) L-Aġenda tal-Politika taż-ŻER meħmuża mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" tas-26 ta' Novembru 2021 tinkludi azzjonijiet apposta għal "Progress lejn ir-riforma tas-sistema ta' valutazzjoni għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet biex jittejbu l-kwalità, il-prestazzjoni u l-impatt tagħhom", u għal "Promozzjoni ta' karrieri fir-riċerka attraenti u sostenibbli, iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talent u l-mobbiltà internazzjonali, transdixxiplinari u intersettorjali madwar iż-ŻER". L-aħħar azzjoni msemmija tippredvi l-iżvilupp ta' qafas tal-Unjoni għall-karrieri fir-riċerka, flimkien mal-aġġornament tal-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda. Dak jinkludi t-tnedija ta' osservatorju tal-karrieri fir-riċerka; evoluzzjoni tal-Karta u tal-Kodiċi għar-Riċerkaturi; l-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER bħala portal online uniku għas-servizzi, għan-network u għall-portali tal-EURAXESS, inkluż l-HRS4R, u r-RESAVER; it-tnedija tal-inizjattiva ERA4You biex tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tat-talent bejn is-setturi u madwar l-Unjoni; l-iskambju ta' prattiki tajba rigward is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni biex titwieżen iċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tal-imħuħ; u t-tfassil tal-qafas il-ġdid għall-karrieri fir-riċerka mal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej.
- (8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Strateġija Ewropea għall-Universitajiet", adottata fit-18 ta' Jannar 2022¹, tippredvi li sal-2023 għandu jiġi propost l-iżvilupp ta' qafas għall-karrieri fir-riċerka, b'sinerġija ma' qafas Ewropew għal karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni oġhla.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, COM(2022) 16 final.

- (9) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida", adottata fil-5 ta' Lulju 2022¹, tirrikonoxxi li l-innovazzjoni tiddependi fuq it-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma b'suċċess ta' individwi b'talent u firxa diversa tal-ħiliet u tisħaq fuq l-importanza tal-mobbiltà intersettorjali.
- (10) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien² tenfasizza l-importanza tal-investiment fl-iżvilupp ta' kultura, prattiki, ħiliet u kapaċitajiet intraprenditorjali għar-riċerkaturi u atturi oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-intermedjarji, li l-iżvilupp l-professjonalikontinwu tagħhom hi essenzjali biex tiġi massimizzata t-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni f'soluzzjonijiet ta' ġid għas-soċjetà. Kodiċi ta' Prattika dwar il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika ser jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dik ir-Rakkomandazzjoni.
- (11) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej - Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea³ jistiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu sinerġiji bejn id-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA), iż-ŻER u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA).

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni ġdida, COM(2022) 332 final.

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji ta' gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141).

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea (ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14).

- (12) Ir-riċerkaturi huma riżorsa fundamentali għas-soċjetà. Huma jwettqu riċerka, irawmu l-innovazzjoni, jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà u jipprovdu lil dawk li jfasslu l-politika b'evidenza għal proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet infurmati. Ir-riċerkaturi għandhom persuni ta' talent b'livell għoli ta' ħiliet li għandhom potenzjal kbir li jissodisfaw aħjar id-domanda tas-suq tax-xogħol. Huwa kruċjali li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent ġenerali tar-riċerkaturi, inkluż billi jiġi offrut lilhom salarji attraenti.
- (13) It-tiżiż tal-attraenza u l-istabbiltà tal-karrieri fir-riċerka madwar l-Unjoni kollha hu element ewlieni taż-ŻER. Għalhekk, hemm hteġġa ċara li l-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti u inklużivi għall-istudenti u l-gradwati, u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet qafas biex ir-riċerkaturi b'talent jinżammu fl-Unjoni, u biex l-Ewropa ssir destinazzjoni attraenti u kompetittiva għar-riċerkaturi internazzjonali.

- (14) L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) ilhom aktar minn 25 sena, bħala parti mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jappoġġaw lil riċerkaturi mid-dinja kollha, fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom, b'enfasi fuq it-taħriġ, il-ħiliet u l-iżvilupp tal-karriera. Il-programm ħalla wkoll impatt ta' strutturar fuq l-organizzazzjonijiet –l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-intrapriżi eċċ. – billi xerred prattiċi tajbin u żied l-attraenza u l-viżibbiltà internazzjonali tagħhom b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' programmi tad-dottorat eċċellenti. L-MSCA jikkontribwixxi għall-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, jiżviluppa l-ħiliet tar-riċerkaturi, jindirizza l-iżbilanċi bejn il-ġeneri, iżomm ir-riċerkaturi b'talent, u jattira talent ġdid lejn l-Ewropa. B'mod partikolari, l-iskema tad-Dottorat Industrijali tal-MSCA tista' titqies bħala eżempju tal-aħjar Prattika, fejn l-esperjenza tar-riċerka, il-post u s-superviżjoni ta' kandidat għal dottorat jiġu kondiviżi b'mod ugwali bejn stabbiliment akkademiku u wieħed mhux akkademiku b'dispożizzjonijiet biex jiġu żgurati standards akkadeimiċi. Hija eżempju importanti ta' interazzjoni u kooperazzjoni bejn l-atturi tal-ekosistema, li trawwem ħiliet trażversali u mobbiltà intersettorjali, u tappoġġa l-ħtieġa tal-industrija għal talenti b'livell għoli ta' ħiliet u l-fehim tar-riċerkaturi tal-isfidi industrijali, bl-għan li jinkisbu opportunitajiet akbar ta' reklutaġġ fl-ekosistema.

- (15) Id-data tal-Eurostat turi xejra li dejjem qed tikber fl-għadd ta' rċerkaturi ekwivalenti għal full-time fl-Unjoni. Fl-2021 kien hemm 2 miljun rċerkatur li jaħdmu fl-Istati Membri, li huma 627 000 iżjed mill-2011. Hawn mir-rċerkaturi jaħdmu fis-settur tal-intrapriżi kummerċjali (56 %) u fis-settur tal-edukazzjoni għolja (32 %), segwiti mis-settur pubbliku (11 %). Huwa importanti li dan it-tkabbir jiġi sostnut b'investiment, infrastruttura u politiki adegwati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jappoġġaw karrieri attraenti fir-rċerka, inkluż fir-rigward tad-diversità, l-inklussività u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li jippromwovu kultura li tagħti valur lill-karrieri fir-rċerka fis-setturi kollha tas-soċjetà.
- (16) Hemm bżonn definizzjoni u fehim ċari u komuni ta' "rċerkatur" fil-livell tal-Unjoni, pereżempju d-definizzjoni aċċettata b'mod wiesa' mill-Manwal ta' Frascati. Ir-rċerkaturi jenħtieġ li jinfteħmu bħala professjonisti li jwettqu attivitajiet ta' rċerka u innovazzjoni fis-setturi kollha, inkluż id-dinja akkademika – istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-rċerka, infrastrutturi tar-rċerka –, in-negozju – inkluż l-industrija, negozji ġodda, spin-offs jew intrapriżi żgħira u ta' daqs medju –, korpi tal-amministrazzjoni pubblika – inkluż il-gvern, korpi tat-tfassil tal-politika, laboratorji pubbliċi u s-sistema tal-kura tas-saħħa – u s-settur mingħajr skop ta' qligħ. Ir-rċerkaturi jistgħu jkunu involuti wkoll f'tipi differenti ta' attivitajiet fi kwalunkwe settur tal-ekonomija jew tas-soċjetà. Huma meħtieġa sforzi biex jinkiseb rikonoxximent sħiħ tal-karrieri tar-rċerkaturi, kif ukoll biex titjieb il-komparabbiltà bejn l-Istati Membri u s-setturi kollha.

- (17) It-twettiq ta' rċerka u innovazzjoni ta' livell għoli jeħtieġ l-appoġġ ta' professjonisti oħra. Fosthom, il-karrieri fit-tmexxija tar-rċerka u bħala tekniċi tar-rċerka jistħoqqilhom rikonoxximent xieraq, inkluż permezz ta' analiżi u allinjament ulterjuri fil-livell tal-Unjoni. Il-kapaċità tat-tmexxija tar-rċerka għandha tissaħħaħ billi jiġu definiti l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, jiġi żviluppat it-taħriġ rilevanti, titrawwem il-komparabbiltà, u billi l-persuni li jmessu r-rċerka jitħallew jimmaniġġjaw u jappoġġaw ir-rċerka u l-innovazzjoni b'mod effettiv.
- (18) Il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO) għet aġġornata fl-2022 biex tkun tinkludi tassonomiji aħjar tal-ħiliet u tal-okkupazzjonijiet għar-rċerkaturi, u b'hekk tispeċifika l-okkupazzjonijiet rilevanti għar-rċerkaturi fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol, u l-ħiliet trażversali li jeħtieġu r-rċerkaturi. L-implimentazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-ESCO fil-EUROPASS u fis-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) tiffaċilita l-użu ta' dik it-tassonomija mtejbja fis-suq tax-xogħol. Hemm bżonn li l-Kummissjoni tinteraġixxi mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol biex ikun żgurat li l-kategorija speċifika ta' "rċerkatur" tiddaħħal fir-reviżjonijiet futuri tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO), li fuqha tissejjes il-klassifikazzjoni tal-ESCO.

- (19) Kif rikonoxxut fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u kif inhu iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika tal-20 ta' Ottubru 2020, il-Komunikat ta' Ruma taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja tad-19 ta' Novembru 2020, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122, il-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika jridu jitħarsu bħala prerekwiżiti essenzjali biex ir-riċerkaturi javvanzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. F'Jannar 2022, il-Kummissjoni ppubblikat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-indirizzar tal-interferenza barranija fir-riċerka u l-innovazzjoni – R&I, li jiddeskrivi l-aħjar prattiki biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiġu appoġġati biex jissalvagwardjaw il-valuri fundamentali tagħhom, inkluż il-libertà akkademika, l-integrità u l-awtonomija istituzzjonali, kif ukoll biex jiġu protetti l-persunal, l-istudenti, is-sejbiet u l-assi tar-riċerka tagħhom.

- (20) Hemm bżonn li jiġu indirizzati b'mod effettiv id-differenzi persistenti bejn il-ġeneri – inkluż id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, il-preġudizzji tal-ġeneri fil-valutazzjoni u r-rikonoxximent, kwistjonijiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru – minbarra intersezzjonijiet possibbli tal-ġeneru ma' kundizzjonijiet oħra ta' vulnerabbiltà jew marġinalizzazzjoni bħall-etniċità, id-diżabbiltà u l-orjentazzjoni sesswali fil-karrieri tar-riċerka, peress li kollha kemm huma jaffettwaw il-parteċipazzjoni u l-progressjoni tal-karriera. L-istrumenti ta' tibdil istituzzjonali, bħall-pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jistgħu jkunu importanti f'dan ir-rigward, filwaqt li titqies l-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025¹. SHE FIGURES 2021 wera li n-nisa għadhom sottorappreżentati fost ir-riċerkaturi, u jikkostitwixxu biss 33 % tal-popolazzjoni totali tar-riċerkaturi fl-Unjoni. Barra minn hekk, dak ir-rapport wera wkoll li fis-settur tal-edukazzjoni għolja hemm impjegati persentaġġ akbar ta' riċerkaturi li huma nisa, meta mqabbla mar-riċerkaturi li huma rġiel, iżda l-persentaġġi tagħhom hu inqas fis-settur pubbliku u dak tan-negozju. Fl-edukazzjoni għolja madwar l-Unjoni huma impjegati proporzjon akbar ta' riċerkaturi li huma nisa, meta mqabbla mar-riċerkaturi li huma rġiel, li jaħdmu fuq bażi part-time u b'kuntratti prekarji – 11 % fil-każ tan-nisa u 7 % fil-każ tal-irġiel – u n-nisa jikkupaw biss 26 % tal-oġġla pożizzjonijiet akkademiċi, dawk ta' professorati sħaħ jew pożizzjonijiet ekwivalenti ta' riċerkaturi. Għalhekk, huma meħtieġa sforzi speċifiċi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-karrieri fir-riċerka u s-sottorappreżentanza tan-nisa fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika fir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll fis-settur tal-edukazzjoni għolja kif enfasizzat fl-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, COM(2020) 152 final.

- (21) Biex jiġi appoġġat l-iżvilupp personali u professjonali sħiħ tar-riċerkaturi fl-Unjoni, u b'mod partikolari tar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti li jħallu konsegwenzi negattivi fuq is-sistema ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, u fuq is-suq intern tar-riċerka. Tali sfidi jinkludu aspetti ta' impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol, bħal status differenti ta' studenti jew impjegati għal kandidati tad-dottorat fl-Istati Membri, nuqqas frekwenti ta' reklutaġġ miftuħ, trasparenti u abbażi tal-mertu, prekarjetà marbuta ma' kuntratti bbażati fuq proġetti b'terminu qasir, aċċess mhux sodisfaċenti għal ugwaljanza fl-opportunitajiet, nuqqas ta' opportunitajiet ta' mobbiltà intersettorjali matul it-taħriġ dottorali u xogħol postdottorali, nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kura tal-familja, miżuri ta' benesseri tas-saħħa fiżika u mentali, u dgħufijiet fl-għodod tal-protezzjoni soċjali, inkluż diffikultajiet bil-portabbiltà tal-intitolamenti bejn is-setturi u l-Istati Membri.

- (22) L-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera jibbenefikaw minn inċentivi apposta għar-reklutaġġ tagħhom, bħal inċentivi tal-protezzjoni finanzjarja u soċjali, inkluż opportunitajiet għal kuntratti permanenti jew indefiniti f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999¹. F'dan ir-rigward jista' jithegheg it-twessigħ tal-użu tal-finanzjament bażi jew tal-finanzjament taċ-ċiklu tal-ħajja għar-riċerka flimkien mal-finanzjament abbażi tal-proġetti. Il-finanzjament bażi jipprovdi projezzjoni ta' appoġġ finanzjarju garantit lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka talli jiksbu ċerti riżultati tanġibbli u jilhqqu ċerti standards tal-kwalità; il-finanzjament taċ-ċiklu tal-ħajja jinvolvi kompetizzjoni inizjali għall-finanzjament li tiġġedded jekk tiġi vvalutata b'mod pożittiv wara proċess tal-monitoraġġ. Dan jippermetti lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżviluppaw aktar strateġiji tar-riċerka fit-tul u jidħlu għal impenji sostenibbli għall-impjegati, filwaqt li jużaw finanzjament abbażi tal-proġetti biex jibqgħu jimiru f'merġat ġodda.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

- (23) Kif jafferma l-Artikolu 22 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, wieħed għandu, bħala membru tas-soċjetà, id-dritt għas-sigurtà soċjali u intitolament għat-tħaddim tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tant indispensabbli għad-dinjità u għall-iżvilupp ħieles tal-personalità tiegħu. Il-Prinċipju 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li, fl-irtirar, kemm l-impjegat kif ukoll dak li jaħdem għal rasu għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonata għall-kontribuzzjonijiet tagħhom li tiżgura introjtu adegwat. Madankollu r-riċerkaturi mobbli jesperjenzaw diffikultajiet biex jakkumulaw pensjonijiet supplimentari adegwati minħabba perjodi tal-vestment, tariffi għoljin tat-trasferiment, għarfien limitat dwar prodotti finanzjarji kumplessi u piżijiet amministrattivi fuq l-irtirar. Għalhekk jenħtieġ li jkunu żgurati salvagwardji għar-riċerkaturi abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar "L-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom"¹.
- (24) Ir-RESAVER, is-soluzzjoni Ewropea tal-pensjonijiet appoġġata mill-Kummissjoni li għandha x'taqsam mal-proviżjonament ta' rtirar okkupazzjonali għall-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u li ser tkun wieħed mill-komponenti tal-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER li ġejja, għandha l-potenzjal li tindirizza l-kwistjonijiet ta' protezzjoni soċjali li jiffaċċjaw ir-riċerkaturi mobbli. Madankollu, l-użu tagħha hu mxejkel minħabba nuqqas ta' għarfien biżżejjed dwarha u għadd sostanzjali ta' ostakli amministrattivi u legali. Bil-għan li jitħarsu d-drittijiet tal-pensjoni okkupazzjonali tar-riċerkaturi mobbli, jenħtieġ li tingħata informazzjoni dwar kif il-mobbiltà potenzjali tista' taffettwa d-drittijiet tal-pensjoni u jenħtieġ li tiġi kkunsidrata l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka f'RESAVER.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01) (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

- (25) Il-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u bilanċjata ġeografikament hija essenzjali biex il-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni jsiru aktar effettivi, sostenibbli u attraenti. B'din il-mobbiltà, is-sistema ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni ssir aktar kompetittiva, u ttejjeg il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu aħjar tal-ġarfin, filwaqt li tippromwovi u tippermetti perkorsi ta' karriera mhux lineari u diversifikati. Jenħtieġ li daww il-forom ta' mobbiltà, inkluż il-mobbiltà virtwali jiġu promossi, iċċentivati u integrati b'mod adegwat fl-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi u jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti għall-mobbiltà ta' kwalunkwe natura, inkluż il-portabbiltà limitata tal-ġotjiet, il-piż amministrattiv, pereżempju, tal-vjaġġi ta' xogħol, jew għar-rikonoxximent tal-permessi ta' residenza għar-riċerkaturi mobbli, l-isfidi ta' rilokazzjoni, jew l-ostakli lingwistiċi, jew għat-trasferiment tal-intitolamenti tal-pensjoni.
- (26) Jenħtieġ bidla fl-approċċ għat-trawwim ta' karrieri fir-riċerka interoperabbli u intersettorjali, fejn is-sistema ta' valutazzjoni u ta' ppremjari tattribwixxi valur indaqs lill-karrieri mwettqa fis-setturi kollha u ma tippenalizzax il-mobbiltà ġeografika, interdixxiplinari u intersettorjali, il-pawżi tal-karriera, inkluż il-liv sabbatiku jew tal-ġenituri, u r-riċerkaturi jkunu jkisu l-karrieri fid-dinja akkademika u lil hinn minnha fl-istess keffa. Diversi perkorsi ta' karriera, ikkaratterizzati minn mobbiltà ġeografika, settorjali u interorganizzazzjonali, jew perkorsi ibridi, ikkaratterizzati minn kombinazzjoni simultanja ta' setturi, jistħoqqilhom rikonoxximent sħiħ u kunsiderazzjoni fuq l-istess livell ta' perkorsi ta' karriera lineari – u għandhom jinftehm u bħala karrieri li jsegwu linja dritta ta' progressjoni minn pożizzjoni għal oħra, normalment fl-istess qasam jew dixxiplina.

- (27) Xi drabi, it-taħriġ dottorali qed ikompli jkun immirat l-aktar lejn karrieri futuri fid-dinja akkademika, u ma jqisx biżżejjed il-firxa usa' tal-okkupazzjonijiet f'setturi rilevanti, jew l-importanza li titrawwem l-intraprenditorija fost ir-riċerkaturi. Hu importanti ħafna li r-riċerkaturi jiksbu ħiliet trażversali b'taħriġ formali u informali, u ħiliet sodi tar-riċerka, biex jinħolqu opportunitajiet aħjar ta' karriera, mobbiltà intersettorjali u innovazzjoni, u biex il-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni jsiru aktar attraenti.
- (28) Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għar-Riċerkaturi (ResearchComp) żviluppat mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, ser jaqdi rwol importanti biex ir-riċerkaturi jiksbu sett wiesa' ta' ħiliet trażversali u jonqos id-distakk fil-ħiliet bejn id-dinja akkademika u s-setturi rilevanti l-oħra kollha. It-taħriġ tar-riċerkaturi – inkluż it-taħriġ dottorali – jista' jiġi żviluppat skont il-kompetenzi deskritti fil-qafas u abbażi tal-iskambju tal-aqwa prattiki biex jippermetti t-titjib tul il-ħajja tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tar-riċerkaturi. Ikunu meħtieġa mekkaniżmi xierqa tar-rikonoxximent u tal-validazzjoni għal opportunitajiet ta' taħriġ formali u informali, inkluż għal taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

- (29) Biex ikun żgurat li t-taħriġ tar-riċerkaturi jiġi żviluppat, jew jiġi kożviluppat, abbażi tal-ħtiġijiet reali tal-ħiliet, jistgħu jiġu promossi l-interazzjoni u l-kooperazzjoni tad-dinja akkademika, l-industrija, in-negozji, l-amministrazzjoni pubblika, is-settur bla skop ta' qligħ, u l-atturi rilevanti l-oħra kollha tal-ekosistema, inkluż pereżempju fir-rigward tal-internships, it-traineeships jew il-job shadowing. F'dan ir-rigward, jistgħu jiġu kkunsidrati l-Prinċipji għal taħriġ dottorali innovattivi li kienu inklużi fir-Rapport adottat mill-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà tal-2011, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-Prinċipji Gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien¹ li tindika l-ħtieġa li jkun hemm sistema li twassal għal attivitajiet intraprenditorjali għall-benefiċċju tar-riċerkaturi.
- (30) It-trawwim ta' mentalità intraprenditorjali u kompetenzi relatati fost ir-riċerkaturi, inkluż il-kompetenzi biex ifittxu investituri u kapital, hu kruċjali biex jitjiebu l-valorizzazzjoni tal-għarfien u t-trasformazzjoni tal-ideat innovattivi f'servizzi u prodotti ġodda b'potenzjal akbar ta' użu mis-suq, tkabbir sostenibbli, innovazzjoni u benefiċċji għas-soċjetà. Biex ikun segwit perkors intraprenditorjali ta' suċċess, jeħtieġ li l-assi intellettuali bħall-pubblikazzjonijiet, id-data, l-għarfien Prattiku u l-proprjetà intellettuali jinftiehm u jitmexxew b'mod effiċjenti kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-Prinċipji Gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien¹.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415 tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141).

- (31) L-ċirkolazzjoni transsettorjali tat-talenti u l-interoperabbiltà mtejba tal-impjiegi fir-riċerka u l-innovazzjoni fost is-setturi jitolbu taħlita ta' miżuri differenti u komplementari fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji tal-libertà akkademika u l-awtonomija istituzzjonali, inkluż ir-riforma tas-sistema. Approċċ ta' politika li jinvolvi l-apprendiment reċiproku abbażi ta' mudelli ta' suċċess ta' skemi tal-mobbiltà intersettorjali jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika/mhux akkademika, u għat-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, għat-titjib tat-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja għar-riċerkaturi, l-innovaturi, u talenti oħra fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż it-titjib tal-ħiliet biex tinbena kapaċità ta' appoġġ, u t-tisħiħ tas-sistema ta' reklutaġġ u għall-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali tar-riċerkaturi.
- (32) Ir-riċerkaturi mhux dejjem ikunu konxji tar-rwol kruċjali tat-tfassil tal-politika fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u tar-rwol tax-xjenza fit-tfassil tal-politika. Iż-żewġ dimensjonijiet jista' jkollhom impatt fuq il-karrieri fir-riċerka b'mod ġenerali kif ukoll fuq is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni. Hu importanti li t-taħriġ dottorali jkun jinkludi u jrawwem din is-sensibilizzazzjoni, biex jiżgura involviment akbar tar-riċerkaturi fil-proċess tat-tfassil tal-politika u biex matul il-karriera tagħhom jirrikonoxxu l-attività tagħhom fis-settur xjentifiku għall-politika.

- (33) Ir-riċerkaturi, b'mod partikolari daww f' stadju bikri tal-karriera, jenħtieġ ikunu jafu l-opportunitajiet disponibbli fis-setturi kollha u bil-possibbiltà ta' opportunitajiet biex iwessgħu l-ispettru tal-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Is-servizzi ta' konsulenza u appoġġ għall-karriera, imfassla skont il-ħtiġijiet tar-riċerkaturi, jaqdu rwol importanti billi jhegħu l-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari, ġeografika u virtwali, u permezz tal-possibbiltà li jiġu żviluppati attivitajiet intraprenditorjali. Jenħtieġ li tiġi promossa l-mobbiltà interistituzzjonali, b'mod partikolari bejn il-profilijiet differenti tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tul perkorsi akkademiċi diversi u flessibbli, inkluż billi jingħelbu l-ostakli relatati mal-kompetenzi żviluppati fl-istituzzjonijiet preċedenti, u daww meħtieġa fl-istituzzjonijiet l-ġdida.
- (34) Il-valutazzjoni tar-riċerka jenħtieġ li tippermetti l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-riċerkaturi u tar-riċerka biex jinkisbu l-aqwa kwalità u impatt. Kif tenfasizza s-sejħa ta' Pariġi tal-2022 dwar il-valutazzjoni tar-riċerka, fir-rapport ta' orjentazzjoni "Towards a reform of the research assessment system" ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2021 u abbażi ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-valutazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-Xjenza Miftuħa" tal-10 ta' Ġunju 2022, u fil-Ftehim dwar ir-Riforma tal-Valutazzjoni tar-Riċerka ppubblikat fl-Lulju 2022, evalwazzjoni xierqa tal-prestazzjoni teħtieġ rikonoxximent ta' outputs, attivitajiet u prattiki tar-riċerka dejjem aktar diversi, inkluż kollaborazzjoni u kondivizzjoni miftuħa tal-outputs, u li jkunu żgurati standards għoljin tal-integrità tar-riċerka u l-impatt soċjetali tar-riċerka. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riċerkaturi jenħtieġ li timxi lejn approċċ aktar bilanċjat bejn l-evalwazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tar-riċerka, billi tiffavorixxi valutazzjoni kwalitattiva b'rieżami bejn il-pari, appoġġata bl-użu responsabbli ta' indikaturi kwantitattivi.

- (35) Biex jissaħħu l-karrieri fid-dinja akkademika sal-ogħla pożizzjonijiet, hemm bżonn sistema ta' adeżjoni u progressjoni fil-karriera li tkun trasparenti, strutturata, inklużiva u ugwali bejn il-ġeneri. Għal dan l-għan, fil-livell tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni ta' sistemi simili għal "tenure-track", li jkunu maħsuba bħala oqsfa ddefiniti fejn kuntratt b'terminu fiss ikollu prospetti għal progressjoni lejn pożizzjoni permanenti soġġett għal evalwazzjoni pożittiva.
- (36) Minkejja l-isforzi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġionali, il-kwistjoni tal-eżodu tat-talenti minn reġjuni inqas żviluppati fl-Unjoni għadha fostna, kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa"¹, u għalhekk hemm bżonn miżuri addizzjonali biex tinkiseb mobbiltà ġeografika aktar bilanċjata għar-riċerkaturi. L-analiżijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-talenti tal-Kummissjoni 2021-2022 jindikaw il-kontribut pożittiv tal-azzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni biex titħeġġeġ ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti, iżda jidentifikaw ukoll sfidi persistenti u jipprovdu perkorsi għall-kisba tal-imħuħ. F'dan il-kuntest hu importanti li jkun hemm ambjenti tar-riċerka – inkluż infrastrutturi tar-riċerka – eċċellenti, kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u livell ta' remunerazzjoni proporzjonata għall-kwalifiki professjonali u l-attivitajiet imwettqa, iżda ħafna drabi jkunu jeħtieġu riformi fis-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jitħaddem approċċ ta' politika maħsub biex jappoġġa u jinċentiva dawk it-trasformazzjonijiet fis-sistema, li jinvolvi eżerċizzji tat-tagħlim reċiproku abbażi ta' perkorsi ta' suċċess li ppermettew l-istabbiliment ta' ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti fl-Istati Membri.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa", 17 ta' Jannar 2023, COM(2023) 32 final.

- (37) L-appoġġ għall-mobbiltà u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi, b'mod li jiżgura riżerva sostenibbli tat-talent fid-dominju tar-riċerka u l-innovazzjoni u li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika bejn l-Unjoni u d-dinja, hu l-oġġettiv ewlieni tal-EURAXESS, inizjattiva pan-Ewropea unika li tagħti informazzjoni u servizzi ta' appoġġ mingħajr ħlas lir-riċerkaturi u lill-familji tagħhom. Biex tappoġġa aktar dan l-oġġettiv, il-EURAXESS tista' twessa' l-attivitajiet tagħha tal-ġhoti ta' informazzjoni u appoġġ lir-riċerkaturi u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, bi struttura ottimizzata ta' servizzi u governanza, b'esperjenza diġitali u tal-utenti aħjar u b'interoperabbiltà ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni bħall-Europass u l-EURES. L-effettività u l-koerenza tal-portals u s-servizzi ta' informazzjoni tal-EURAXESS jibbenefikaw minn organizzazzjonijiet nazzjonali ewlenin b'saħħithom.

- (38) Biex tibqa' kompetittiva fix-xenarju dinji, l-Unjoni jeħtieġ issir aktar attraenti għat-talent minn madwar id-dinja, filwaqt li tevita l-eżodu tat-talenti li jaffettwa l-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE", adottata fis-27 ta' April 2022¹, tenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni ttejjeb l-appell tagħha għat-talent dinji, b'mod partikolari billi tippromwovi l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Unjoni u billi tesplora modi potenzjali oħrajn għall-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni għal perjodu medju jew aktar fit-tul. Ir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² kienet pass importanti biex titjeb l-attraenza tal-Unjoni biex il-migranti bi kwalifiki għoljin ikunu jistgħu jgawdu drittijiet aħjar u proċeduri aktar mgħaġġla u simplifikati. Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tikkontribwixxi wkoll għal dawk l-oġettivi billi tagħmilha aktar faċli u aktar attraenti għall-istudenti u r-riċerkaturi li jiċċaqilqu lejn l-Unjoni, u fl-istess ħin tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u tal-ħiliet b'tiżi tad-drittijiet tal-mobbiltà intra-Unjoni.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni – Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE, COM(2022) 657 final.

² Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1).

³ Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

- (39) Il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi qed jiġu riveduti biex iwieġbu għar-realtà l-ġdida u l-isfidi attwali li qed jiffaċċaw ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet, inkluż integrazzjoni aħjar tal-bilanċ bejn il-ġeneri, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività li jinkludu miżuri favur ambjenti ta' riċerka li jkunu ħielsa mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif ukoll prattiki tax-xjenza miftuħa. Il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi, fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni, hija ssimplifikata sabiex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tagħha u tiġi promossa l-adozzjoni tagħha lil hinn mis-settur akkademiku. L-organizzazzjonijiet kollha li jimpjegaw jew jipprovdu finanzjament għar-riċerkaturi huma mistiedna japprovaw il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi. L-organizzazzjonijiet li approvaw il-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi eżistenti jitqiesu li qed ikomplu japprovaw il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi. Dan jenħteġ li japplika b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet li daħlu fil-proċess HRS4R jew li lestewh, li għalihom l-approvazzjoni tal-Karta għar-Riċerkaturi hi l-ewwel pass.

- (40) Hu meħtieġ osservatorju tal-karrieri fir-riċerka, li jlaqqa' l-aqwa data attwali tal-Unjoni f'post wieħed, biex isir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri ħalli jissaħħu l-karrieri fir-riċerka u r-riformi fis-sistemi. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-ħtiġijiet tad-data tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li huma rilevanti għall-adattament u l-iżvilupp tal-politiki għall-karrieri fir-riċerka. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll lir-riċerkaturi biex jifhmu aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet, u jippromwovi l-attrazzjoni tal-organizzazzjonijiet Ewropej tar-riċerka fost l-aqwa talenti. Fejn rilevanti, jistgħu jitqiesu r-rabtiet mal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja propost fl-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet. Id-data miġbura waqt l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tista' tiġi adattata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-osservatorju tal-karrieri fir-riċerka.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

- (41) Biex il-qafas Ewropew jirnexxilu jattira u jżomm it-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Unjoni, hemm bżonn l-impenn tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti. B'mod partikolari, l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bħal dawk stabbiliti fl-ambitu tal-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej u appoġġati mill-Programm Erasmus+ u l-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, kif ukoll is-settur usa' tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, jistgħu jithegħgu jipparteċipaw b'mod volontarju u b'approċċ minn isfel għal fuq biex jikkontribwixxu għal implimentazzjoni wiesgħa tal-qafas billi jwettqu l-attivitajiet rilevanti.
- (42) Jenħtiegħ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati b'kunsiderazzjoni xierqa għad-diversità wiesgħa tas-sistemi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka madwar l-Unjoni,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

"Riċerkaturi" huma professjonisti involuti fit-tfassil tal-kunċett jew fil-ħolqien ta' għarfien ġdid abbażi ta' kunċetti jew ipoteżijiet oriġinali. Dawn iwettqu r-riċerka, u jtejbu jew jiżviluppaw kunċetti, teoriji, mudelli, infrastrutturi, tekniki, strumentazzjoni, software jew metodi operazzjonali. Ir-riċerkaturi jistgħu jkunu involuti għalkollox jew parzjalment f'tipi differenti ta' attivitajiet – bħal riċerka bażika jew applikata, żvilupp sperimentali, tagħmir operattiv tar-riċerka, fi kwalunkwe settur tal-ekonomija jew tas-soċjetà u jxerrdu u jivvalorizzaw riżultati tar-riċerka. Fost affarijiet oħra, jistgħu jkunu wkoll involuti parzjalment fil-ġestjoni tal-proġetti, it-tagħlim, il-mentoraġġ, l-appoġġ għat-tfassil tal-politika abbażi tal-evidenza, fi Prattiki tax-xjenza miftuħa, fl-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija u fil-komunikazzjoni xjentifika. Ir-riċerkaturi jidentifikaw l-alternattivi għal attivitajiet ġodda tar-riċerka u tal-iżvilupp, u jippjanaw għalihom u jmexxuhom billi jużaw hili u għarfien ta' livell għoli żviluppati bl-edukazzjoni u t-taħriġ formali jew mill-esperjenza.

2. Ir-riċerkaturi jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'rilevanza ugwali fis-setturi kollha li jwettqu r-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż id-dinja akkademika, l-industrija, in-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u s-settur bla skop ta' qligħ, fejn il-ħiliet, l-għarfien u l-attitudnijiet tagħhom jistgħu jkunu ta' ġid għas-soċjetà Ewropea, għas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-ekonomija.

3. Karrieri fit-tmexxija tar-riċerka jistgħu jitwettqu minn riċerkaturi u minn professjonisti oħra biex imexxu u jappoġġaw attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Jenħtieġ li l-karrieri fit-tmexxija tar-riċerka jiġu inkwadrati u rikonoxxuti kif xieraq fil-livell tal-Unjoni, billi jiġu definiti l-ħiliet u kompetenzi rilevanti, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità professjonali tal-maniġers tar-riċerka, sabiex ikun jista' jiġi żviluppat taħriġ rilevanti, u titrawwem il-komparabbiltà. Il-maniġers tar-riċerka jistgħu jwettqu kompiti differenti, pereżempju:
- (a) is-simplifikazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-ġestjoni, il-ġestjoni ta' data skont il-prinċipji FAIR, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ, il-komunikazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (b) l-iżgurar tal-konformità mal-obiettivi tal-politika, mar-rekwiżiti tal-programmi tal-finanzjament, mar-regoli finanzjarji u mar-regolamenti legali;
 - (c) it-titjib tal-effiċjenza u l-effettività ta' proġetti jew sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (d) it-tisħiħ tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq il-politika u s-soċjetà;
 - (e) l-appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki, programmi u proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

4. It-tekniċi tar-riċerka huma professjonisti li l-kompiti ewlenin tagħhom jeħtieġu livelli għoljin ta' għarfien tekniku, taħriġ, u esperjenza f'qasam wieħed jew aktar tal-inġinerija, ix-xjenzi fiżiċi u tal-ħajja, jew ix-xjenzi soċjali u umanistiċi. Huma jipparteċipaw f'kompiti xjentifiċi u tekniċi li jinvolvu l-applikazzjoni ta' kunċetti u metodi operattivi u l-użu ta' tagħmir ta' riċerka, normalment taħt is-superviżjoni tar-riċerkaturi. It-tekniċi tar-riċerka għandhom rwol ta' appoġġ kruċjali fit-twettiq ta' riċerka u innovazzjoni ta' livell għoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw b'mod adegwat it-tfassil u r-rikonoxximent tal-karrieri tat-tekniċi tar-riċerka fil-livell nazzjonali.
5. Ir-riċerkaturi kollha, irrispettivament mill-istatus u s-settur tal-impjieg tagħhom, jenħtieġ li jiġu inkwadriati fil-profil li ġejjin:
- (a) R1 – Riċerkatur tal-Ewwel Stadju: Riċerkaturi li qed jagħmlu riċerka bis-superviżjoni sal-istadju ta' dottorat jew livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza.
 - (b) R2 – Riċerkatur Rikonoxxut: Riċerkaturi b'dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li għadhom ma stabbilewx livell sinifikanti ta' indipendenza fl-iżvilupp tar-riċerka tagħhom stess, biex jattiraw finanzjament jew biex imexxu grupp tar-riċerka.

- (c) R3 – Riċerkatur Stabbilit: Riċerkaturi b'dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li huma kapaċi jiżviluppaw ir-riċerka tagħhom stess, jattiraw finanzjament, jew imexxu grupp tar-riċerka b'mod indipendenti.
- (d) R4 – Riċerkatur Ewlieni: Riċerkaturi b'dottorat jew b'livell ekwivalenti ta' kompetenza u esperjenza li l-pari tagħhom iqisuhom bħala mexxejja fil-qasam tar-riċerka tagħhom.

6. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-profilu R1 u R2 jenħtieġ li jitqiesu bħala riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, u l-profilu R3 u R4 jenħtieġ li jitqiesu bħala riċerkaturi superjuri.

Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu l-użu tar-referenzi għall-profilu fil-postijiet vakanti kollha speċifikament dawk indirizzati għar-riċerkaturi jew, fejn rilevanti, jistiednu lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka biex jagħmlu dan.

Jenħtieġ li l-profilu ma jitqisux neċessarjament bħala stadji f'perkors progressiv ta' karriera.

Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' okkupazzjonijiet għar-riċerkaturi fis-setturi kollha tul il-profilu R1-R4 hija stabbilita fl-Anness I.

Rikonoxximent, interoperabbiltà u komparabbiltà tal-karrieri tar-riċerkaturi

7. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu u jappoġġaw rikonoxximent sħiħ tal-karrieri tar-riċerkaturi kif ukoll stima u ppremjari ugwali tal-perkorsi differenti irrispettivament mis-settur tal-impjieg jew tal-attività, u jieħdu miżuri ta' appoġġ għall-interoperabbiltà u l-komparabbiltà sħiħa tagħhom fl-Istati Membri, fis-setturi u fl-istituzzjonijiet kollha.
8. Perkorsi mhux lineari, b'diversi karrieri u ibridi jistgħu jiġu mħeġġa u appoġġati mill-Istati Membri, u jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti fuq l-istess livell ma' perkorsi ta' karriera lineari b'eżiti professjonali multipli.
9. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jimplimentaw verżjonijiet u aġġornamenti ġodda tal-klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, tal-Kompetenzi, tal-Kwalifiki u tal-Impjiegi, b'attenzjoni speċifika għall-okkupazzjonijiet u l-ħiliet tar-riċerkaturi.
10. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-uffiċċji tar-riżorsi umani fis-setturi kollha biex jimmappjaw l-istrutturi tal-karrieri għar-riċerkaturi skont il-profilu msemmija fil-punt 5 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Reklutaġġ u kundizzjonijiet tax-xogħol

11. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu u jappoġġaw għażla u reklutaġġ tal-kandidati miftuħin, trasparenti u abbażi tal-mertu, li ma jippenalizzawx il-pawżi fil-karriera jew il-perkorsi mhux lineari, b'diversi karrieri u ibridi.
12. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu r-rispett tal-ftehimiet kollettivi u d-djalogu soċjali effettiv, u jieħdu azzjoni ta' appoġġ biex l-impjegaturi u l-finanzjaturi jipprovdu kundizzjonijiet tar-riċerka u tax-xogħol attraenti, inklużivi u kompetittivi fejn ir-riċerkaturi jingħataw valur, jiġu inkoraġġuti u appoġġati. Tali azzjoni ta' appoġġ tista' tinkludi:
 - (a) l-għoti ta' remunerazzjoni proporzjonata, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u kundizzjonijiet flessibbli tax-xogħol li jgħinu biex jingħaqdu flimkien l-ħajja personali, il-familja, il-kura, is-saħħa, is-sikurezza u l-benessri ġenerali, mingħajr preġudizzju għall-karrieri;
 - (b) l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u inklużività għar-riċerkaturi minn kull sfond inkluż minn gruppi sottorappreżentati u emarġinati, u l-promozzjoni tal-użu, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' strumenti ta' bidla istituzzjonali fost l-organizzazzjonijiet li jwettqu u jiffinanzjaw ir-riċerka, bħal pjanijiet inklużivi ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri li jkunu miftuħa għal intersezzjonijiet bejn il-ġeneru u kategoriji soċjali oħra, skont il-qafas il-ġdid taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet;

- (c) is-salvagwardja tal-libertà tar-riċerka xjentifika minn kull limitazzjoni jew indħil possibbli, inkluż minn atturi barranin;
- (d) l-ġhoti ta' appoġġ apposta fil-livell istituzzjonali lir-riċerkaturi b'rabta mat-twettiq tad-dmirijiet amministrattivi;
- (e) it-teħid ta' azzjonijiet determinati biex jiġi miġġieled il-fenomeni tal-prekarjetà u jiġu appoġġati s-sigurtà u l-istabbiltà tal-impjegi. Dan jista', fuq bażi volontarja, jinċentiva l-istabbiliment ta' limitu massimu għall-ġhadd ta' kuntratti b'terminu fiss għal kull organizzazzjoni fir-riżorsi umani tar-riċerkaturi b'mod ġenerali. Kull meta jkunu qed jitwettqu kompiti permanenti, fit-tul jew rikorrenti ħafna tar-riċerka, l-istrument xieraq rakkomandat hu l-kuntratti permanenti jew indefiniti. Ir-riċerkaturi b'kuntratti b'terminu fiss għandhom jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi – kif imsemmi fil-punt 29 ta' din ir-Rakkomandazzjoni – li jippromwovu l-iżvilupp u l-kontinwità tal-karriera tagħhom;
- (f) il-kunsiderazzjoni tal-użu ta' mudelli differenti ta' finanzjament – pereżempju dak bażi, tul iċ-ċiklu tal-ħajja, jew abbażi tal-proġetti – biex l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jkunu jistgħu jiżviluppaw strateġiji ta' riċerka aktar fit-tul u jidħlu għal impenji stabbli favur l-impjegati;

(g) l-għoti ta' aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata irrispettivament mill-forma ta' impjieg, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. It-tali miżuri jistgħu jappartjenu għall-fergħat li ġejjin, sa fejn huma pprovduti fl-Istati Membri:

- (1) il-benefiċċji tal-qgħad;
- (2) il-benefiċċji tal-kura tas-saħħa u tal-mard;
- (3) il-liv tal-maternità, il-liv tal-paternità u l-liv tal-ġenituri u benefiċċji relatati;
- (4) il-benefiċċji tal-invalidità;
- (5) il-benefiċċji tax-xjuħija u l-benefiċċji tas-superstiti;
- (6) il-benefiċċji marbutin ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u mal-mard okkupazzjonali.

13. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw l-aċċess tar-riċerkaturi għal informazzjoni aġġornata, komprensiva, faċli għall-utent u li tinftiehem b'mod ċar dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, u li jiżguraw li l-intitolamenti, dawk miksuba bi skemi obligatorji jew dawk volontarji, jiġiharsu, jiġu akkumulati u/jew ikunu trasferibbli fost it-tipi kollha ta' statuses tal-impjieg u tal-impjieg indipendenti u bejn il-fruntieri, is-setturi ekonomiċi, tul il-ħajja tax-xogħol tal-persuna jew matul perjodu ta' referenza speċifiku u bejn skemi differenti f'fergħa partikolari tal-protezzjoni soċjali.

14. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri li jridu jtejbu t-tfaddil fi skemi supplimentari b'kontribuzzjoni definita, jippromwovu l-użu tas-soluzzjonijiet mogħtija mill-fond tal-pensjoni RESAVER, li jiżgura li ma jkunx hemm perjodu tal-vestiment jew tariffi għat-trasferiment tal-assi.
15. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jinkoraġġixxu miżuri speċifiċi b'appoġġ għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, b'mod korrispondenti għall-profil R1 u R2 imsemmija fil-punt 5 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. B'kont meħud ta' ċirkostanzi nazzjonali, tali miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu:
- (a) l-għoti lir-Riċerkaturi tal-Ewwel Stadju ta' protezzjoni soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għar-riċerkaturi fi stadji oħra tal-karriera, u introjtu adegwat;
 - (b) l-għoti ta' inċentivi finanzjarji u ta' protezzjoni soċjali lir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom;
 - (c) il-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu ta' inċentivi għar-reklutaġġ ta' riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera minn impjegaturi fis-setturi kollha, b'mod partikolari b'kuntratti permanenti jew miftuħa;
 - (d) il-promozzjoni u r-rikonoxximent tal-mobbiltà interistituzzjonali, intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, inkluż il-mobbiltà virtwali;

- (e) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn id-dinja akkademika, il-finanzjaturi tar-riċerka u atturi rilevanti oħra tal-ekosistema, b'mod partikolari l-industrija u negozji oħra kif ukoll organizzazzjonijiet pubbliċi u dawk mingħajr skop ta' qligħ, fir-rigward tal-ħiliet meħtieġa u l-provvista tal-ħiliet, biex jitrawwem ir-reklutaġġ ta' riċerkaturi b'livell għoli ta' ħiliet li jissodisfaw il-ħiliet fil-mira li jkunu meħtieġa fis-setturi kkonċernati;
- (f) il-promozzjoni tal-involviment ta' riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom f'timijiet ta' riċerka filwaqt li jiġi evitat li jintalbu jwettqu kompiti mhux relatati mat-taħriġ xjentifiku tagħhom.

Riċerkaturi b'ħiliet għal karrieri intersettorjali u interdixxiplinari u għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni

16. L-għan tar-riċerkatur tal-ewwel stadju huwa li titrawwem il-mentalità tar-riċerka, biex tissaħħaħ il-flessibbiltà tal-ħsieb, il-kreattività u l-awtonomija intellettuali permezz ta' proġett ta' riċerka oriġinali u konkret. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu passi xierqa biex jinkoraġġixxu li t-taħriġ tad-dottorat ikun immirat lejn dawk l-għanijiet, u barra minn hekk ikun kompatibbli ma' karrieri interoperabbli fis-setturi rilevanti kollha u għall-prattika tax-Xjenza Miftuħa, inkluż bl-użu ta' ResearchComp, il-Prinċipji għal Taħriġ Dottorali Innovattiv, il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka, u ta' kwalunkwe inizjattiva futura oħra meħuda bl-għan li jissaħħu l-ħiliet trażversali tar-riċerkaturi.

17. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tappoġġa u tiffaċilita l-użu ta' ResearchComp, tippromwovi l-iskambju tal-prattiki tajba, u tikkunsidra reviżjonijiet futuri tal-Qafas tal-Kompetenza meta meħtieġ abbażi tal-evoluzzjoni tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni u tas-suq tax-xogħol.
18. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jagħmlu enfasi fuq skemi li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet trażversali meħtieġa mir-riċerkaturi biex jinvolve ruħhom f'attivitajiet ta' valorizzazzjoni tal-għarfien u l-intraprenditorija. Skemi bħal dawn jistgħu jinkludu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar suġġetti rilevanti, inkluż il-ġestjoni tal-assi intellettuali, l-istandardizzazzjoni, il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika, il-kollaborazzjoni bejn id-dinja akkademika u s-settur tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż l-attivitajiet fis-settur xjentifiku għall-politika u l-impenn fis-soċjetà.
19. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jħeġġu l-interazzjoni u l-kooperazzjoni, inkluż bi sħubijiet, bejn id-dinja akkademika, l-industrija, negozji oħra, l-amministrazzjoni pubblika, is-settur bla skop ta' qligħ, u l-atturi rilevanti l-oħra kollha tal-ekosistema, u jiżguraw li t-taħriġ tad-dottorat u t-taħriġ immirat jiġu żviluppati, jew żviluppati b'mod konġunt, abbażi tal-ħtiġijiet reali tal-ħiliet tal-partijiet ikkonċernati, inkluż billi jibnu fuq eżempji tal-aqwa Prattika implimentati skont il-programmi eżistenti fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

L-appoġġ ta' tali interazzjoni u kooperazzjoni huwa partikolarment rakkomandat f'oqsma li jeħtieġu ħiliet speċifiċi biex jitħaddmu infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija mill-aktar avvanzati.

20. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu azzjoni biex irawmu mentalità innovattiva u intraprenditorjali fost ir-riċerkaturi, inkluż il-ħiliet meħtieġa għat-tiftix tal-investment, biex dawk li jaqbd u karriera intraprenditorjali jkunu jistgħu jgħaqqdu l-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-ġharfien tagħhom mal-kompetenza fil-valorizzazzjoni tal-ġharfien, jibdlu l-ideat innovattivi f'negozji u jrawmu l-innovazzjoni u l-progress.

Jenħtieġ li ssir enfasi speċifika fuq il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni fost in-nisa, u fuq il-ħolqien ta' spin-offs immexxija min-nisa. L-istess approċċ jenħtieġ jiġi previst għal gruppi ta' minoranza u emarġinati.

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw miżuri biex itaffu r-riskji potenzjali għar-riċerkaturi li jagħżlu karriera intraprenditorjali, inkluż bil-possibbiltà li jerġgħu lura għall-perkors tal-karriera preċedenti tagħhom.

21. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-ġoti ta' taħriġ immirat, biex jinkoraġġixxu opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għar-riċerkaturi b'perspettiva tul il-ħajja u biex irawmu mobbiltà intersettorjali u interdixxiplinari. Hu rrakkomandat ukoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jippromwovu proċedura tal-validazzjoni ġusta u trasparenti tal-opportunitajiet tat-taħriġ formali u informali, inkluż tat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

22. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tieġu l-azzjoni segwenti fil-kuntest tal-iżvilupp ta' inizjattivi li jrawmu ċ-ċirkolazzjoni transsettorjali tat-talenti:
- (a) tappoġġa t-tagħlim reċiproku għall-Istati Membri abbażi ta' mudelli ta' skemi ta' mobbiltà intersettorjali stabbiliti mill-Kummissjoni, fi tliet oqsma prijoritarji:
 - (1) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u mhux akkademika;
 - (2) it-titjib tat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għar-riċerkaturi, l-innovaturi, u talenti oħra tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (3) it-tisħiħ tal-intraprenditorija, il-ħiliet trażversali u l-involvement fost ir-riċerkaturi f'attivitajiet li jżidu l-impatt soċjali;
 - (b) issaħħaħ il-komponenti tal-mobbiltà intersettorjali fl-istrumenti eżistenti għall-mobbiltà tar-riċerkaturi, u tikkomplimentahom bi strumenti ġodda, meta jitqies meħtieġ;
 - (c) ixxerred tagħrif dwar skemi ta' mobbiltà intersettorjali, permezz tal-fergħa tal-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER imsemmija fil-punt 33 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

23. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw li jistabbilixxu skemi nazzjonali li jippromwovu l-mobbiltà intersettorjali f'wieħed jew aktar mit-tliet oqsma ta' prijorità msemmija fil-punt 22 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
24. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jagħmlu l-isforz kollu meħtieġ biex jippromwovu t-tneħħija tal-ostakli strutturali u amministrattivi eżistenti li jistgħu jfixxlu jew jostakolaw il-mobbiltà bejn is-setturi, inkluż billi jappoġġaw lir-riċerkaturi biex jegħlbu l-ostakli tal-familja u personali għall-mobbiltà, billi jappoġġaw l-interoperabbiltà tal-karrieri, fejn applikabbli, u billi jiffaċilitaw il-mobbiltà temporanja jew permanenti, mingħajr ma jfixxlu l-perkorsi ta' karrieri fir-riċerka lineari.
25. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu l-mobbiltà interdixxiplinari tar-riċerkaturi, inkluż billi jqisu u jindirizzaw b'mod adegwat l-ostakli bħan-nuqqas ta' rikonoxximent u d-diffikultajiet fl-iżgurar tal-finanzjament minn sorsi tradizzjonali.

Valutazzjoni, żvilupp u progressjoni tal-karriera

26. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-valur tal-mobbiltà ġeografika, intersettorjali, interistituzzjonali, interdixxiplinari u transdixxiplinari bħala mezz importanti biex isaħħu l-għarfien xjentifiku u l-iżvilupp professjonali f'kull stadju tal-karriera tar-riċerkaturi. Ġie ppruvat li l-mobbiltà virtwali hi ass validu u tista' tiġi kkunsidrata wkoll. Is-sistema ta' valutazzjoni u premjazzjoni ma għandhiex tippenalizza perkorsi mhux lineari, b'diversi karrieri u ibridi.

27. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jippromwovu u jappoġġaw sistemi għall-valutazzjoni u l-premjazzjoni tar-riċerkaturi li:
- (a) ikunu bbażati fuq għidizzju kwalitattiv imparzjali mogħti mill-pari u esperti pertinenti oħra, appoġġat bl-użu responsabbli ta' indikaturi kwantitattivi;
 - (b) jippremjaw il-kwalità u d-diversi impatti potenzjali tar-riċerka tagħhom fuq is-soċjetà, ix-xjenza u l-innovazzjoni;
 - (c) jirrikonoxxu diversità ta' eżiti, fost l-oħrajn pubblikazzjonijiet, settijiet ta' data, software, metodoloġiji, protokolli, privattivi; diversità ta' attivitajiet, fost l-oħrajn mentoraġġ, superviżjoni tar-riċerka, rwoli ta' tmexxija, intraprenditorija, ġestjoni tad-data FAIR – skont il-prinċipji ta' Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli –, evalwazzjoni bejn il-pari, tagħlim lill-istudenti, valorizzazzjoni tal-għarfien, kooperazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika, appoġġ għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, interazzjoni mas-soċjetà; u diversità ta' Prattiki, fost l-oħrajn ix-Xjenza Miftuħa, il-kondiviżjoni bikrija tal-għarfien u tad-data, u l-kollaborazzjoni miftuħa, flimkien mal-esperjenzi kollha tal-mobbiltà msemmija fil-punt 26 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
 - (d) jiżguraw li l-attività professjonali tar-riċerkaturi tkun tilħaq standards għoljin ta' etika u integrità, tapplika t-tweqqi xieraq tar-riċerka, u tagħti valur lill-Prattiki tajba, inkluż il-Prattiki miftuħa għall-kondiviżjoni tar-riżultati u tal-metodoloġiji tar-riċerka kull meta possibbli;

- (e) jużaw kriterji u proċessi tal-valutazzjoni li jirrispettaw il-varjetà ta' dixxiplini tar-riċerka u kuntesti nazzjonali;
- (f) jappoġġaw diversità ta' profili tar-riċerkaturi u perkorsi tal-karriera, u japprezzaw il-kontributi individwali daqskemm il-ħidma f'timijiet, ix-xogħol kollaborattiv u l-interdixxiplinarjetà;
- (g) jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-oportunitajiet indaqs u l-inklużività.

Biex tkun żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet elenkati f'dan il-punt, l-Istati Membri huma mħeġġa jrawmu taħriġ kontinwu għall-atturi involuti fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-ippremjar.

28. L-Istati Membri huma mistiedna jħeġġu lill-organizzazzjonijiet biex jissiehu f'koalizzjonijiet, alleanzi jew inizjattivi stabbiliti biex jevolvu s-sistemi tal-valutazzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt 27 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jindirizzaw, fil-qasam ta' kompetenza tagħhom, l-ostakli amministrattivi jew legali nazzjonali għal din l-evoluzzjoni tal-valutazzjoni tar-riċerka u jgħinu fil-prevenzjoni minn kull kontradizzjoni jew inkompatibbiltà li jaf ikun hemm fl-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt 27 ta' din ir-Rakkomandazzjoni, bejn il-valutazzjoni tar-riċerka, tar-riċerkaturi u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

29. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu miżuri, inkluż mekkaniżmi ta' konsulenza u ta' mentoraġġ, biex ir-riċerkaturi, b'mod partikolari dawk fi stadju bikri tal-karriera, jkunu konxji tal-opportunitajiet disponibbli fis-setturi rilevanti kollha u jippromwovu kultura ta' diversifikazzjoni tal-karrieri għal żvilupp personali u professjonali aħjar. F'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jappoġġaw l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għall-karrieri, pereżempju EURAXESS, ħalli jħeġġu l-mobbiltà intersettorjali, interdixxiplinari u ġeografika, kif ukoll il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet intraprenditorjali.
30. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jippromwovu sistema tal-adeżjoni u tal-progressjoni fil-karriera li tkun ġusta, ekwa, inklużiva, trasparenti, strutturata u ugwali bejn il-ġeneri għar-riċerkaturi fid-dinja akkademika, sal-ogħla pożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, hu rrakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw l-iżvilupp ta' sistemi simili għal "tenure-track", sabiex jinftehm u bħala oqfsa definiti fejn kuntratt b'terminu fiss ikollu l-possibbiltà ta' progressjoni għal pożizzjoni permanenti, soġġett għal evalwazzjoni pożittiva.

Ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti, u li l-Unjoni ssir destinazzjoni attraenti

31. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni determinata biex jistabbilixxu kundizzjonijiet favorevoli, attraenti u kompetittivi għat-twettiq tal-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u għar-ritorn tar-riċerkaturi minn barra l-pajjiż. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, iżda mhux biss:
- (a) inċentivi biex l-attivitajiet tar-riċerka jsiru aktar attraenti, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' kompetizzjoni ġusta għat-talenti;
 - (b) simplifikazzjoni tar-rekwiżiti legali u amministrattivi għar-riċerkaturi;
 - (c) investimenti fis-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni, inkluż l-appoġġ għal networking fl-Unjoni u lil hinn minnha, biex is-sistemi nazzjonali tar-riċerka u tal-innovazzjoni jingħaqdu u jiġu integrati man-networks Ewropej tar-riċerka u jipprovdu viżibbiltà akbar lill-kapaċitajiet nazzjonali u lill-infrastrutturi ta' riċerka u teknoloġija ta' livell għoli;
 - (d) l-iskambju tal-aqwa prattiki b'rabta mal-ħolqien ta' ambjent attraenti, sikur, inklużiv, ugwali bejn il-ġeneri u kompetittiv tar-riċerka u tal-innovazzjoni, ukoll fejn jidħlu t-titjib tar-remunerazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-servizzi, u t-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi u lingwistiċi għar-riċerkaturi barranin u dawk mobbli internazzjonalment;

- (e) għotjiet għar-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-karriera u pożizzjonijiet attraenti għar-riċerkaturi li jerġgħu lura fil-pajjiż;
- (f) il-possibbiltà ta' pożizzjonijiet doppji f'istituzzjonijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, biex b'hekk jitrawmu t-trasferiment tal-għarfien, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-kollaborazzjoni, u jiġi evitat l-eżodu tat-talenti;
- (g) l-esplorazzjoni ta' opzjonijiet għal approċċ komuni għall-persunal tal-Infrastrutturi ta' Riċerka, speċjalment fil-każ ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC).

Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, inkluż billi tippermetti l-implimentazzjoni ta' sinerġiji fost il-programmi tal-Unjoni, u l-programmi tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

32. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tieħu l-azzjonijiet li ġejjin li jrawmu ċirkolazzjoni aktar bilanċjata tat-talenti:

- (a) tappoġġa t-tagħlim reċiproku għall-Istati Membri fid-dawl tar-riforma fis-sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni tagħhom, inkluż b'seġhiet għal espressjoni ta' interess biex tinholq komunità ta' Prattika b'taħriġ u gwida għall-Istati Membri abbażi ta' perkorsi u soluzzjonijiet ta' suċċess li jippermettu ċirkolazzjoni tat-talenti aktar bilanċjata;

- (b) timmonitorja l-flussi tal-mobbiltà, fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi, permezz ta' mappa interattiva ta' ċirkolazzjoni tat-talenti fl-osservatorju tal-karrieri fir-riċerka msemmi fil-punt 40 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- (c) tiffaċilita r-rabtiet tranżnazzjonali mad-dijaspora tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-komunitajiet ta' pajjiżi terzi u tiffaċilita l-attrazzjoni jew ir-ritorn tat-talenti, permezz tal-fergħa tal-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER imsemmija fil-punt 33 ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- (d) tippromwovi ċirkolazzjoni bilanċjata tat-talenti ta' riċerkaturi fil-livell tal-Unjoni, billi tissaħħaħ il-bażi tal-kapital uman b'riċerkaturi u innovaturi aktar intraprenditorjali, maniġerjali u mħarrġa aħjar.

Azzjonijiet ta' appoġġ għall-karrieri fir-riċerka

33. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex isaħħu l-portali, is-servizzi, u d-dimensjoni internazzjonali tal-EURAXESS, u li jiżviluppaw il-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER bħala punt uniku ta' servizz online għar-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet fis-setturi kollha, b'qafas ta' governanza ġdid u rwol ta' koordinazzjoni għall-korpi u l-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti involuti fit-twassil tas-servizzi. Il-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER jenħtieġ li tkun tippermetti li:

- (a) ir-riċerkaturi jmexxu l-opportunitajiet tat-tagħlim għalihom u tat-taħriġ tagħhom u l-karrieri tagħhom;

- (b) l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-impjegaturi u l-finanzjaturi jwettqu attivitajiet tan-networking, imexxu aħjar ir-riżervi tat-talenti tagħhom, jikkollaboraw u jiskambjaw l-aqwa prattiki, filwaqt li jiffaċilitaw l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talenti u jtejbu d-data biex ix-xejriet tal-mobbiltà fl-Ewropa u lil hinn minnha jinftiehm u aħjar.

Is-servizzi jistgħu jiġu estiżi biex ikunu jinkludu l-iżvilupp tat-talenti u s-servizzi tal-ġestjoni tal-karriera, b'enfasi fuq ir-riċerkaturi fis-setturi rilevanti kollha tas-soċjetà, inkluż id-dinja akkademika.

34. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tiżgura rabtiet u interoperabbiltà bejn il-Pjattaforma tat-Talenti taż-ŻER u inizjattivi rilevanti oħra tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż il-Europass, l-ESCO u l-EURES, biex tipprevedi tiġib fil-mudell tal-governanza tal-pjattaforma u n-network sottostanti taċ-ċentri tas-servizzi biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tar-riċerkaturi u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka.
35. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħrfu l-importanza li japprovaw u jimplimentaw il-Karta għar-Riċerkaturi msemmija fil-punt 36 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
36. Il-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi stabbilita fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tieħu post il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi stabbiliti fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2005/251/KE. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jħeġġu it-tħaddin u l-implimentazzjoni tal-Karta l-ġdida għar-Riċerkaturi mill-impjegaturi u l-finanzjaturi tar-riċerka fis-setturi kollha, inkluż b'inċentivi apposta, ħalli din issir għodda strutturali li tappoġġa lir-riċerkaturi u l-karrieri fir-riċerka.

37. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni taġġusta l-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi, jew kull mekkaniżmu ta' implimentazzjoni simili fil-futur, skont il-Karta l-għdida għar-Riċerkaturi, u tiżgura l-kontinwità fir-rigward tal-istituzzjonijiet li ħaddnu l-prinċipji tal-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi preċedenti u mxew mal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi, b'mod partikolari billi tqis li għadhom qed iħaddnu l-Karta għar-Riċerkaturi stabbilita fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tapplika l-istess miżuri tranżizzjonali għall-istituzzjonijiet li bdew il-proċess tal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi skont il-Karta u l-Kodiċi għar-Riċerkaturi preċedenti.
38. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni tagħmel rieżami regolari u tadatta l-għodod kollha b'appoġġ għall-karrieri fir-riċerka, abbażi tal-ħtiġijiet reali tar-riċerkaturi, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.
39. Hu rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jħeġġu u jappoġġaw l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, is-settur Ewropew kollu tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex imexxu azzjonijiet rilevanti previsti minn din ir-Rakkomandazzjoni b'mod volontarju u b'approċċ minn isfel għal fuq.

Monitoraġġ tal-karrieri fir-riċerka

40. Minbarra s-sistemi ġenerali tal-monitoraġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, hu rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jissorveljaw l-aspetti rilevanti tal-karrieri fir-riċerka fl-Unjoni u l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni permezz ta' Osservatorju ddedikat, għall-benefiċċju tal-komunità tar-riċerka, ta' dawk li jfasslu l-politika, tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-organizzazzjonijiet rilevanti fil-livell Ewropew u nazzjonali. L-Osservatorju jenħtieġ li jappoġġa l-fehim aħjar tal-isfidi u l-opportunitajiet mir-riċerkaturi, u jenħtieġ li jippromwovi wkoll l-attrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-Unjoni li jwettqu r-riċerka għall-aħjar talenti, filwaqt li jiggwarantixxi l-protezzjoni tal-privatezza tad-data matul l-implimentazzjoni.
41. L-Osservatorju jenħtieġ li jikkunsidra u jidentifika bir-reqqa t-tip ta' data ta' appoġġ li tkun rilevanti biex jiġu osservati l-karrieri fir-riċerka. Fejn possibbli, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati u prijoritizzati rabtiet mad-data eżistenti sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Hu rrakkomandat li l-Istati Membri jikkooperaw bejniethom biex tinġabar data rilevanti ħalli l-osservatorju jiġi implimentat b'mod effiċjenti u sostenibbli.
42. Il-Kummissjoni hija mistiedna tipproponi – abbażi tad-data pprovduta mill-Osservatorju ta-karrieri fir-riċerka – aktar miżuri li jinkoraġġixxu u jippromwovu l-iżvilupp ta' karrieri fir-riċerka.

43. Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, hija rrakkomandata li tikkunsidra rabtiet rilevanti bejn l-Osservatorju tal-Karrieri fir-Riċerka u l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja propost fl-Istrateġija Ewropea għall-Universitajiet, fejn rilevanti, u b'hekk issaħħaħ is-sinerġiji bejn iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
44. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma rrakkomandati li jikkunsidraw l-adattament tad-data miġbura fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2019/1700 skont il-ħtiġijiet tad-data tal-osservatorju msemmi fil-punt 40 ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
